Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.10990 — WESTCOAST / KOMSA)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2023/C 57/09)

1. Fid-9 ta' Frar 2023, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Westcoast (Holdings) Limited ("Westcoast", ir-Renju Unit), li tappartjeni għall-Westcoast Group Holdings Limited ("Westcoast Group"),

— KOMSA AG ("KOMSA", il-Ġermanja), ikkontrollata minn DEROSSI Invest GmbH, il-Ġermanja.

— Westcoast takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll ta' KOMSA kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma dawn li ġejjin:

— Westcoast hija distributur internazzjonali ta' prodotti tas-software u tal-hardware tal-IT u tat-telekomunikazzjonijiet, elettronika għall-konsumatur u fornitur ta' servizzi tan-negozju, tal-loġistika u tal-kummerċjalizzazzjoni relatati,

— KOMSA hija distributur internazzjonali ta' prodotti tas-software u tal-hardware tal-IT u tat-telekomunikazzjonijiet u tal-elettronika għall-konsumatur. B'mod partikolari, hija tiddistribwixxi smartphones, tablets, smartwatches, varjetà ta' aċċessorji, sistemi tat-telefown, kuffji, sistemi tad-djar intelliġenti u prodotti tal-elettromobilità.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ ir-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.10990 — WESTCOAST / KOMSA

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles / Brussel
BELGIQUE / BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.